**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**06 ta' Mejju 2025**

**Rikors Numru 110/2024**

**GEB Landscaping Ltd (C101696)**

**vs**

**Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors **tas-soċjeta` rikorrenti** ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2024, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. *Illi nhar it-18 ta 'April 2024 l-esponenti irraportaw ġewwa l-Għassa tal-Pulizija illi nhar is-17 t'April 2024 ġie nnutat illi l-arloġġ tal-ilma kien nieqes (referenza tar-rapport 6/POL/2611/2024) (Dokument A). Illi dakinhar stess l-esponenti infurmat lill-Korporazzjoni intimata bl-akkadut;*
2. *Illi l-esponenti ġiet notifikata permezz ta' ittra mill-Korporazzjoni intimata bir-referenza WSC/SID 47/24 - 411000263296 Roundabout ta 'Żrina, Triq L-Imdina, Ħaż-Żebbuġ datata 8 ta 'Mejju 2024 (Dokument B) bid-deċiżjoni illi wara "ir-rapport tal-investigazzjoni" li intraprendiet il-Korporazzjoni intimata irrizulta li "kien hemm evidenza cara ta' tbaghbis fil-konnessjoni tal-provvista tal-ilma. Dan huwa ksur tar-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Ilma u huwa evidenti li l-ilma gie kkunsmat minghajr awtorizzazzjoniu kejl kif inhu xieraq. Ghalhekk f'din iccirkustanzi, inti obbligat li thallas I-ammont ta' €11,461.31 li huma danni ta' kif inhu deskritt fir-Regolamenti dwar il-Provvista tallima (S.L. 545.03)" u tat lill-esponenti sebat ijiem ċans sabiex tivversa dan l-ammont;*
3. *Illi l-esponenti opponiet il-ħruġ ta' tali multa permezz tal-ittra tagħha datata l-21 ta ' Mejju 2024 (Dokument C);*
4. *Illi nhar il-26 ta' Ġunju 2024, l-Korporazzjoni intimata irrispondiet Dokument D) illi: "Fl-ewwel lok, il-Korporazzjoni mittenti qegħda timxi mal-liġi applikabbli u qed timponi l-multa stabbilita fil-liġi u komminabbli f'każijiet fejn jirriżulta irregolarità fil-konnessjoni tal-ilma. Hija l-liġi stess li tistabbilixxi min għandu jġorr ir-responsabbilità għal tali irregolarità u kif ukoll il-quantum pagabbli in linea di multa.*

*Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ammont rikjest, l-ammont assolutament mhuwiex wieħed arbitrarju inkwantu jikkonsisti f'Eur 1,500 multa skont il-liġi u r-rimanenti huwa ilma moħli mhux reġistrat."*

5. *Illi, umilment l-esponenti l-Korporazzjoni intimata m'għandha l-ebda poter awtoritattiv, u wisq anqas ma tassumi l-irwol ta 'investigatur, prosekutur u imħallef biex taqta 'u tiddeċiedi illi l-mittenti huwa ħati ta 'tbgħabis fil-konnessjoni tal-provvista tal-lima, u addirittura tistabilixxi hi di sua sponte penali, iktar u iktar meta l-offiżi li huma ta 'natura penali u jispetta biss lill-Qrati ta 'Malta li jaslu għas-sejbien taħ 'tija o meno. Dan il-prinċipju hu issa stabbilit mill-ġurisprudenza estensiva illi proċeduri amministrattivi bħal dawk in kwistjoni mhumiex proċeduri ta 'natura ċivili, iżda ta 'natura kriminali u għalhekk skont il-Kostituzzjoni (kuntrarjament ghall-art 6 tal-ECHR), jistgħu jiġu determinati biss minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*
6. *Illi in oltre u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont kif kwantifikat mill-intimata bl-ebda mod ma jirrafigura taħt il-provvedimenti viġġenti taħt il-Liġi Sussidjarja 545.30 Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma. Għaldaqstant anke hawnhekk l-intimata qegħda unilateralment tabbuża mid-diċitura tal-liġi f'li arbitrarjament timponi multi taħt il-velu ta' danni kważi ħdax-il darba iktar mill-għola valur imsemmi fir-Regolament 39 tal-Liġi Sussidjarja a bażi ta' liema l-intimata qed tipretendi ħlas mingħajr ma tgħati spjegazzjoni valida ta' kif waslet għal tali kwantifikazzjoni;*
7. *Illi minkejja li r-rikorrenti talbet (i) kopja tar-rapport tal-investigazzjoni inkluż (ii) kull evidenza illi hija a konjizzjoni tal-Korporazzjoni, (iii) kif ukoll breakdown tal-kwantifikazzjoni u kwalifikazzjoni kif il-Korporazzjoni waslet għall-ammont ta 'danni pagabbli fl-ammont ta€ '11,461.31, hija baqgħet ma ngħatat l-ebda informazzjoni.*
8. *Wisq anqas ma l-Korporazzjoni aċċettat it-talba tar-rikorrenti mibgħuta fis-16 t'Ottubru 2024 sabiex issir laqgħa, liema talba (Dokument E) baqgħet mhux risposta, b'nuqqas ċar ta' rieda da parti tal-intimata.*
9. *Id-deċiżjoni msemmija hija waħda totalment żbaljata, inġusta, irraġjonevoli, u bbażata fuq kunsiderazzjonijiet għal kollox irrelevanti. Għalhekk, l-esponenti tħossha aggravata minn din id-decċzjoni u qed tinterponi dan l-umli appell.*

*Għaldaqstant, r-rikorrenti titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal, salv kwalunke dikjarazzjoni jew ordni meqjusa opportuna, jogħġbu li:*

1. *Jiddikjara nulla u inattendibbli u per konsegwenza jħassar id-deċiżjoni tal-Korporazzjoni intimata komunikata lis-soċjeta 'rikorrenti permezz tal-ittra datata 8 ta ' Mejju, 2024, u/jew kwalunkwe decizjoni relattiva u/jew konsegwenti;*
2. *Jiddikjara li l-ghemil amministrattiv fuq imsemmi huwa ultra vires ghaliex l-Korporazzjoni konvenuta naqset li tosserva il-prinċipji ta 'ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta 'l-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta 'qabel dwar dan l-għemil;*
3. *Jiddikjara li l-għemil amministrattiv fuq imsemmi huwa ultra vires għaliex jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-Korporazzjoni pubblika billi dan sar ghal għanijiet mhux xierqa, u, jew imsejjsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*
4. *Jiddikjara li l-għemil amministrattiv fuq imsemmi huwa ultra vires billi l-għemil amministrattiv fuq imsemmi huwa b'mod ieħor kontra l-liġi.*

Ra r-risposta **tal-Korporazzjoni intimata** ippreżentata fl-14 ta' Novembru 2024 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal stante li it-talbiet kif redatti, u senjatament fejn qed jintalab li l-deċiżjoni tal-Koprorazzjoni intimata tiġi ddikjarata ultra vires, jeżorbitaw il-kompetenza ta' dan it-Tribunal;*

2. *Ill mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkoll in linea preliminari, is-soċjetà rikorrenti tilfet kwalsiasi interess ġuridiku meta hija iddeċidiet li tħallas l-ammont mitlub fit-totalità tiegħu nhar il-25 ta' Lulju 2024;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u in ogni każ u fil-mertu, il-Korporazzjoni aġixxiet pjenament skont il-liġi meta hija talbet lis-soċjetà rikorrenti tħallas l-ammont mitlub, meta irriżulta li dan kien kas ċar ta' tbagħbis tal-meter tal-ilma u di fatti hija talbet kemm il-ħlas previst bħala danni minimi skont ir-Regolament 39*[1] *tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.03 u kif ukoll l-ammont rimanenti ikkalulat b'mod li jirrifletti stima tal-ammont ta' ilma moħli mill-konnessjoni de quo;*

4. *Illi dan kollu kif jista' jiġi debitament ippruvat;*

5. *Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli fil-liġi.*

Ra illi in vista tal-ewwel eċċezzjoni tal-Korporazzjoni intimata, it-Tribunal ordna li din tiġi trattata u deċiża qabel kull kwistjoni oħra;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi s-soċjeta` rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Korporazzjoni intimata kif komunikata lilha permezz ta' ittra datata 8 ta' Mejju 2024 li permezz tagħha ġiet mgħarrfa bis-segwenti, u ċioe`:

*Qed issir referenza għall-ispezzjoni li saret mill-uffiċjali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma fil-fond indikat aktar 'l fuq.*

*Skont ir-rapport tal-investigazzjoni, irriżulta li kien hemm evidenza ċara ta' tbagħbis fil-konnessjoni tal-provvista tal-ilma. Dan huwa ksur tar-*

[1] 39. Meta jinstab li jkun sar xi tbagħbis jew ħsara fil-komunikazzjoni, jew li persuna tkun qegħda tieħu l-ilma minn xikanna jew tagħmir tal-Korporazzjoni mingħajr ma jkun hemmarloġġ, il-Korporazzjoni għandha titlob lill-konsumatur, sid jew residenti fil-fond, skond il-każ, iħallasha danni f'ammont ta' **mhux inqas** minn elf u ħames mitt euro (€1,500).

*Regolamenti dwar il-Provvista tal-ilma u huwa evidenti li l-ilma ġie kkunsmat mingħajr awtorizzazzjoni u kejl kif inhu xieraq. Għalhekk f'din iċ-ċirkustanzi, inti obbligat li tħallas l-ammont ta' €11,461.31 li huma danni ta' kif inhu deskritt fir-Regolamenti dwar il-Provvista tal-lima (S.L.545.03)*

Din id-deċiżjoni ġiet konfermata permezz ta' ittra ulterjuri tas-26 ta' Ġunju 2024 wara li s-soċjeta` rikorrent opponiet għall-multa notifikata lilha permezz tal-ittra tat-8 ta' Mejju 2024.

Illi mill-ittra tat-8 ta' Mejju 2024 jirriżulta li l-Korporazzjoni intimata bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-**Leġislazzjoni Sussidjarja 545.03 (Regolamenti Dwar il-Fornitura tal-Ilma).**

Illi ai termini ta' Regolament 39 taċ-ċitata Leġislazzjoni "*Meta jinstab li jkun sar xi tbagħbis jew ħsara fil-komunikazzjoni, jew li persuna tkun qegħda tieħu l-ilma minn xi kanna jew tagħmir tal-Korporazzjoni mingħajr ma jkun hemm arloġġ, il-Korporazzjoni għandha titlob lill-konsumatur, sid jew residenti fil-fond, skond il-każ, iħallasha* ***danni***[2] *f'ammont ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500)"*

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-kompetenza tiegħu hija waħda pjuttost limitata u dan kif jemani minn artikolu 5 u 7 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva), u ċioe`:-
*5.(1) Qiegħed jiġi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*

*(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva* ***ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili***[3] *iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi.*

---

[2] Enfasi tat-Tribunal
[3] Enfasi tat-Tribunal

*7.(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.*
*(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 u fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u sakemm xi dispożizzjoni tal-liġi ma tippreskrivix xi terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba għar-reviżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni"*
Illi minn qari ta' dawn id-disposizzjonijiet ta' din il-liġi speċjali jemerġi mill-ewwel ċar illi dan it-Tribunal **m'għandux ġurisdizzjoni ġenerali** sabiex jirrevedi kwalunkwe att jew deċiżjoni amministrattiva. Dan ġie kristallizzat bl-emendi li saru permezz tal-Att IV tal-2016 fejn ġie introdott subinċiż (2) fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana sabiex jiġu eleminati ċerti dubji dwar kompetenza li seta' kien hemm fil-bidu li beda jitħaddem l-istess Att.
Illi iktar minn hekk, l-istess Att jgħid ċar x'inhu u x'mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Wieħed mill-għanijiet wara t-twaqqif ta' dan it-Tribunal kien sabiex l-appelli minn ħafna entitajiet governattivi dwar deċiżjonijiet meħudin minnhom jiġu ċentralizzati f'dan it-Tribunal. Madankollu l-istess Att ħaseb ukoll sabiex jidentifika l-istess entitajiet amministrattivi li d-deċiżjoni tagħhom tkun suġġetta għal appell quddiem dan it-Tribunal u dana għaliex f'artikolu 25 (2) tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta insibu s-segwenti:-
*"(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu minn issa 'l quddiem ikollu l-kompetenza li kellhom il-persuni, korpi u tribunali amministrattivi msemmija fil-liġijiet elenkati fit-Tielet Skeda*, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu."*

*Mħolli barra taħt l-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji. L-emendi li kien hemm fl-Iskeda ġew inkorporati fil-leġiżlazzjoni relativa.

Illi l-imsemmija Tielet Skeda qatt ma ġiet ippublikata mal-Att peress li kif jirriżulta min-nota spjegattiva fl-istess Att saru l-emendi fil-liġijiet relattivi fejn ġie ntrodott id-dritt ta' appell quddiem dan it-Tribunal.

Illi dan kollu ġie rifless fis-sentenza **Raymond Abela vs Awtorita` għat-Trasport f'Malta**[4] fejn il-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ġiet delineata bil-mod segwenti, u dan ferm qabel ma ġie promulgat l-Att IV tal-2016 imsemmi iktar 'il fuq, u ċioe`:- "*illi huwa*

[4] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar 2012

*minnu li, minkejja li twaqqaf l-imsemmi Tribunal, il-legislatur ma deherlux li kellu jhassar ukoll l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u li dan ir-rimedju baqa' disponibbli wkoll bhala ghodda ta' stharrig gudizzjarju ta' l-ghemil ta' l-amministrazzjoni pubblika. Id-disposizzjonijiet li jghoddu ghall-Qorti ma jestendux irwiehom ghat-Tribunal. Jista' jkun ukoll li kemm din il-Qorti kif adita biex twettaq l-imsemmi stharrig kif ukoll it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jwettqu setghat li jixxiebhu. Izda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubblici jew dawk il-korpi biss li l-Att kostituttiv tieghu espressament jaghnih bihom fit-Tielet Skeda tieghu [Artikolu 25(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta] u ma ghandux is-setgha li jistharreg l-ghemil ta' awtoritajiet ohrajn li jaqghu fil-kompetenza wahdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgha ta' din il-Qorti li tisma' kawza ta' stharrig gudizzjarju tibqa' wahda residwali bhala garanzija ahharija fejn il-persuna mgarrba ma jkollhiex rimedju iehor gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju taht xi ligi ohra jew quddiem xi tribunal iehor."*

Minn din is-sentenza jidher ċar li skond il-Prim'Awla tal-Qorti Civili l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva hija limitata biss għal dawk l-awtoritajiet pubbliċi li l-Liġi kostituttiva tagħhom tagħti dritt ta' appell minn atti amministrattivi da parte tagħhom għal quddiem dan it-Tribunal.

Illi t-Tribunal josserva illi fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.03 it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jissemma mkien. Pero` jissemma fil-liġi prinċipali, u ċioe` l-Kapitolu 545 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma). Ai termini tal-Kapitolu 545, it-Tribunal għandu kompetenza jirrevedi deċiżjonijiet jew direttivi tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma. Min iħossu aggravat b'tali direttiva jew deċiżjoni jista' jressaq appell quddiem dan it-Tribunal fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data ta' meta dik id-deċiżjoni jew direttiva tkun ġiet notifikata bil-miktub lilu, jew tiġi ppubblikata fil-Gazzetta, skont dak li jiġi l-ewwel, kif ikun il-każ.

Illi fil-każ odjern huwa palezement ċar illi d-deċiżjoni li biha ġiet notifikata s-soċjeta` rikorrenti mhix deċiżjoni tar-Regolatur iżda deċiżjoni tal-Korporazzjoni intimata.

Illi għalhekk it-Tribunal ħares ukoll lejn il-Kapitolu 355 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma) minn fejn jirriżulta illi t-Tribunal ma ngħata ebda poteri biex jirrevedi deċiżjonijiet tal-istess Korporazzjoni. Illi di piu` jekk wieħed jifli sew it-tieni, it-tielet u

r-raba' talba tas-soċjeta` rikorrenti jinduna illi dawn saru ai termini tal-Artikolu 469A (1) (b) (ii), (iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi m'għandux kompetenza kemm għaliex il-liġi stess ma tagħtih ebda kompetenza fir-rigward ta' impunjazzjoni ta' deċiżjoni tal-Korporazzoni intimata u kif ukoll għaliex it-talbiet kif imressqa jaqgħu fil-parametri tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ladarba se jkun qed jiġi dikjarat li t-Tribunal mhux kompetenti *rationae materiae*, se jkun qed jiġi applikat l-Artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti, u ċioe`: *"l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tista' tinghata ... (b) meta, ghalkemm ta' gurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawza tingieb quddiem qorti diversa minn dik li ghandha tiehu konjizzjoni taghha:*

*Izda, jekk il-Qorti tikkunsidra li l-eccezzjoni hi gustifikata, il-Qorti ghandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proceduri jigu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li ghandhom jiehdu konjizzjoni ta' dik il-kawza.*

Għalkemm dan l-Artikolu tal-Liġi jittratta dwar il-każ ta' eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza sollevata quddiem Qorti, it-Tribunal hu tal-fehma li dak hemm provdut dwar il-proċedura li għandha tiġi adottata f'każ li tali eċċezzjoni tirriżulta ġustifikata japplika anke għal proċeduri pendenti quddiemu, u dana anke fid-dawl tal-fatt li a tenur ta' l-Artikolu 20(1) ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, it-Tribunal għandu l-istess setgħat li huma vestiti fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili. Għaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jtenni li fil-fehma tiegħu ma huwiex kompetenti li jieħu konjizzjoni tat-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti, se jkun qiegħed jordna permezz ta' digriet kamerali li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex tieħu konjizzjoni tal-istess.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Korporazzjoni intimata u jiddikjara u jiddeċiedi li ai termini tal-Kapitolu 490 u tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.03 tal-Liġijiet ta' Malta, m'għandux kompetenza li jisma' u jiddeċiedi l-mertu ta' dan l-appell u għaldaqstant jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.

Bl-ispejjeż ta’ din l-istanza a karigu tas-soċjeta` rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva**

________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Registratur**